Dispożittiv

L-ammont totali ta' l-ispejjeż li Vitakraft-Werke Wührmann & Sohn GmbH & Co. KG għandha tħallas lura lill-Krafft SA huwa ffissat għas-somma ta' USD 6 125,44.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-19 ta' Ottubru 2007 — Beyatli vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-238/07 P)

"Appell — Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali għaċ-ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru — Avviż ta' kompetizzjoni — Termini — Ilment — Ittra indirizzata lill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Ċipru"

Appell — Aggravji — Aggravju bbażat fuq nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumenti — Dokumenti irrilevanti sabiex tingħata deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tar-rikors — Ċaħda (ara l-punti 38, 39, 45, 46)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-5 ta' Marzu 2007, Beyatli u Candan vs Il-Kummissjoni (T-455/04), li bih il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/A/1/03, sabiex tiġi stabbilita lista ta' riżerva għal Assistenti Amministraturi ta' nazzjonalità Ċiprijotta, li ma ppermettietx lir-rikorrenti jagħmlu l-eżami orali ta' l-imsemmija kompetizzjoni — Terminu sabiex jitressaq ilment skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) D. Beyatli hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ottubru 2007 — Komninou *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-167/06 P)

"Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Ilment skond l-Artikolu 226 KE — Trattament mogħti mill-Kummissjoni lill-persuni li ressqu l-ilment — Prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali — Portata — Artikolu 21 KE — Dritt li titressaq petizzjoni — Portata tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Ombudsman"

1. Appell — Aggravji — Insuffiċjenza ta' motivazzjoni — Użu ta' motivazzjoni impliċita mill-Qorti tal-Prim'Istanza — Ammissibbiltà — Limiti (Artikoli 21 (2) u (3) KE u 225 KE) (ara l-punti 22-27)

2. Ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea — Drittijiet taċ-ċittadin (Artikolu 21(2) u (3) KE) (ara l-punti 35-37)

3. Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-evalwazzjoni ta' l-elementi ta' prova — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58) (ara l-punti 40-46)